# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Graziella Debono**

**Kumpilazzjoni Numru: 591/2020**

**Illum, hdax (11) ta' Marzu, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Graziella Debono, detentrici tal-karta tal-identità numru 38877(M):

**Akkuzata talli nhar it-23 ta' Ottubru 2020, minn gewwa l-fond 'Casa Padre Pio', 87, Triq Bormla, f'Rahal Gdid (Paola) u f'dawn il-gzejjer:**

1. **Ikkommettiet serq ta' Gojjellerija jew oggetti maghmula mid-deheb, ghad-dannu ta' Louise Formosa u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra; liema serq huwa aggravat, bil-valur li jiskorri l-elfejn tliet mijja u disgha u ghoxrin euro u seba' u tletin centezmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-lok;**

2. **U aktar talli rrendiet ruhha recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li ġiet misjuba hatja b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' Ottubru elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn biha elenka

l-Artikoli tal-Ligi li tahthom jahseb li ghandha tinstab htija u cioè:-

1. Fl-Artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268(a), 269, 279(b), 280 u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li gew moqrija lill-imputata l-Artikoli hawn fuq citati, hija ma kellhiex l-ebda oggezzjoni sabiex dawn il-proceduri jkomplu b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Xehdet il-parte civile **<u>Louise Formosa</u>** li tghid illi f'Settembru 2020 kienet qed tfittex *maid* u minn Facebook telghulha xi numri fejn fosthom kien hemm in-numru tal-imputata u bdiet tigi ghandha tnaddaf kull nhar ta' Gimgha. Tghid illi l-imputata kienet tmur biss bil-mobajl u bil-portmoni. Tghid illi kien hemm drabi li kien ikun hemm

xi hadd id-dar u kien ikun hemm drabi ohra fejn ma kienx ikun hemm hadd id-dar. Tghid ukoll illi darba l-Hadd ir-ragel taghha fetah il-kexxun fejn ikun hemm id-deheb u ma sabx il-fili ta' ommu. Tghid illi l-imputata l-ahhar li kienet marret kien nhar il-Gimgha ta' qabel. Dan kien xi 23 ta' Ottubru 2020 fejn wara li qallbu d-dar hareg illi anke l-fili tad-deheb tat-tifla taghhom ma setghux isibu, flimkien ma' gizirani taghha b'zewg domni. Ix-xhud tghid illi l-ahhar tliet darbiet l-imputata giet ghandha b'basket fejn is-soltu kienet tmur biss b'mobajl u portmoni.

Ix-xhud tghid illi meta bdew jissuspettaw fl-imputata staqsewha sabiex il-gimgha ta' wara tmur is-Sibt sabiex ikunu hemm huma izda wara ftit l-imputata baghtitilha messagg fejn qaltilha li kienet weggghet saqajha ghax waqghet tliet sulari u ma kinitx ser tmur izjed. Hija kkonfermat l-istima tad-deheb allegatament misruq.[1]

**John Formosa** li jigi r-ragel tal-parte civile kkonferma pjenament dak li xehdet il-mara tieghu qablu u jghid illi meta bdew jissuspettaw fl-imputata marru jaghmlu rapport l-ghassa tal-pulizija.

[1] Dok. JS4 a fol 9A tal-process.

Xehed il-gojjellier **Raymond Lanzon** fejn ikkonferma d-dokument JS4 u jghid illi a bazi tad-deskrizzjoni li kienu taw il-koppja Formosa ta' x'kien insterqilhom inharget stima ta' hamest elef tliet mija u hamsa u ghoxrin ewro (€5,325).

**L-Ispettur Jeffrey Scicluna** xehed kif zvolgiet l-investigazzjoni fejn wara li ttiehdet l-istqarrija tal-imputata bil-kawteli kollha skont il-ligi hi kienet ammettiet li kienet serqet dawk l-oggetti minghand il-parte civile u li kienet bighithom ghand Debono Jewellers ghas-somma ta' elf, mija u hamsa u tletin ewro (€1,135).[2]

Finalment xehed rapprezentant tal-Qrati u Tribunali kriminali **Franklin Calleja** li pprezenta sentenza moghtija mill-Magistrat Marseanne Farrugia datata 27 ta' Gunju 2016 li minnha ma kienx hemm appell.[3]

## Ikkunsidrat

---

[2] Ricevuta ta' Debono Jewellers – Dok. JS7.

[3] Dok. FC1.

Illi rat li l-imputata giet ikkundannata fil-mori ta' dawn il-proceduri ghall-ksur tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Rachel Montebello moghti fil-prezentata ta' din il-kumpilazzjoni kif ukoll li kissret ordni moghtija mill-Magistrat Josette Demicoli nhar it-28 ta' Jannar 2021 li ghalihom wehlet sitt (6) xhur prigunerija flimkien ma' multa;

Rat illi l-imputata nghatat diversi okkazjonijiet sahansitra fil-mori tas-sentenza odjerna sabiex tibda thallas xi pagamenti lill-parte civile;

Rat l-istqarrija tal-imputata li ammettiet pjenament il-fatti li waslu ghall-akkuzi kif dedotti kontriha.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** (Qorti tal-

Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb*

*tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible*

*but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi l-ahjar prova f'dawn il-proceduri hija indubjament l-istqarrija tal-imputata li nghatat bil-kawteli kollha skont il-ligi, fejn hija ammettiet illi serqet ammont ta' deheb mir-residenza tal-parte civile u li dan id-deheb kienet marret tbighhom ghand Debono Jewellers fejn effettivament dan gie kkonfermat minnhom stess anke permezz ta' debita ricevuta li gietipprezentata in atti u li turi n-numru tal-karta tal-identità tal-imputata.

Illi ghalkemm sfortunatament din l-ircevuta ma tindikax ezattament x'kien gie mibjuh mill-imputata din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-verzjonijiet tal-konjugi Formosa li halfu ezattament x'kien gie nieqes u mill-istima esebita minnhom li tmur oltre' il-hamest elef ewro (€5,000). Illi ghaldaqstant sija l-aggravju tal-valur hekk fik mitlub mill-Avukat Generali sija l-aggravju tal-persuna u lok gew ampjament ippruvati.

## Piena

Illi a rigward piena din il-Qorti thoss illi l-imputata ma toffri l-ebda serhan tal-mohh li ser thallas b'xi mod il-parte civile li kieku tinghata piena mhux karcerarja. Illi tul dawn il-proceduri, li hadu ftit taz-zmien sabiex hija jkollha cans thallas izda, l-imputata ma ppruvatx tibda thallas xi haga mis-somma dovuta minnha izda minn dejjem issib l-iskuzi kollha sabiex tohrog hi tal-vittma! Dan maghdud mal-fatt illi l-fedina penali taghha hija wahda kkulurita b'akkuzi simili hafna ghal dawk odjerni u sahansitra ghandha addebitat lilha l-aggravju tar-recidiva taht l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(c)(d)(e), 267, 268(a), 269, 279(b), 280 u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata Graziella Debono hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u tikkundannaha ghal perjodu ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva.

Inoltre' u a bazi tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputata qed tigi kkundannata ghall-hlas ta' hamest elef ewro (€5,000) lill-parte civile fi zmien sena mil-lum.

____________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**